# Kunsill Lokali Gżira

18 ta' Frar 2021

**Ref Nru. 25/2021**

Minuti tal-laqgħa Urgenti Nru. 26/2021 li saret it-Tlieta 9 ta' Frar 2021

Il-Kunsilli ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoomi fil-5pm.

**Preżenti**

Disa' membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Vici Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Alexander Zammit, Jeremy Cardona, Jessica Borg, Hugh Caruana u Shaun Farrugia flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttivv Claire Goodlip

**Skuzati**

Ma japplikax

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 5 ta' Frar 2021

**26.1 Laqgħa ma' MCL Investments Ltd**

26.1.1 Laqgħa ma' MCL Investments Ltd – Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis 4 ta' Frar fl-4.30am. Paul Camilleri kien preżenti għan-nom tal- MCL Investments Ltd u il-Kunsill Lokali Gżira kien repreżentat mis-Sinku Conrad Borg Manché, il-Kunsilliera Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Shaun Farrugia u l-Agent Segretarju Eżekuttive Claire Goodlip. Il-kumplament tal-kunsilliera segwew il-laqgħa fuq Zoom.

26.1.2 Paul Camilleri ikkonferma li diġa hemm permess għal- Ċentru ta 'tagħlim b'akkomodazzjoni (PA/05514/09)

26.1.3 Paul Camilleri wera l-interess li jixtri il-binja tal-Kunsill Lokai Gżira, madanakollu ma' issemgħa l-ebda valur jew proposta miz-zewgt naħat.

26.1.4 Is-Sindku staqsa jekk f'kas ta 'No Objection' jistax il-Kunsill jopera il-funżjonijiet sħaħ tieghu waqt li jkunu għaddejjin bix-xoghlijiet. Paul Camilleri wiegeb li f'każ li is-serviżżi preżenti tal- KLG ikun hemm bżonn li jiċċaqalqu, huwa lest li jithol fl-ispiża perintera.

26.1.5 Paul Camilleri wera ix-xewqa li jgħin lil Kunsill biex isib alternattiva oħra minn fejn ikun jista jopera il-Kunsill Lokali Gżira. Hawn is-Sindku speċifika li l-alternattiva għandha tkun lokazzjoni ċentrali u bil-facilitajiet kollha determinati mil-liġi. Innota ukoll li l-ispażju allokat huwa ta' importanża kbira biex jaqdi il-funżjonijiet tieghu kif xieraq.

**26.2 Laqgħa Urgenti – Binja Kunsill Lokali Gżira**

26.2.1 Is-Sindku ikkonferma li MCL Investments Ltd tefgħat applikażżjoni (PA/00073/21) għal-bidla fl-uzu minn Ċentru ta 'tagħlim b'akkomodazzjoni (Class 2C & 3A) għal-lukanda b'erbgħa (4) stilel (Class 3B)

26.2.2 Fl-applikażżjoni inkluża ukoll iż-żieda ta 'zewg sulari ohra.

26.2.3 Il-pjan terran għandu jinkludi faċilitajiet anċillari li jikkumplimentaw il-lukanda, fil-waqt li il-kumplament tas-sulari se jkopru minn sitta sa sebgha t'kmamar tal-lukanda. Il-bejt ser jintuża bhala facilitajiet tal-lukanda.

**26.3 Laqgħa Urgenti – Diskussjoni**

26.3.1 Il-Kunsillier S. Farrugia semma li skont il-ligi tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (KAP.504 – Art. 69.4), licenżja jew permess għal-iżvilupp għandu iz-zmien limitat sa massimu ta' hames (5) snin. Ladarba il-premess

PA/05514/09 ħareġ fis-sena 2010, skont il-liġi tali permess ma għadux validu.

26.3.2 Il-Kunsillier S. Farrugia innota ukoll li x-xogħlijiet u l-istorbju ħa itelfu lil-ħaddiema tal-Kunsill fil-funżjonijiet tagħhom. Is-Sindku irribatta li il-kumplament tar-residenti ilhom zmien twil jsofru minn tali inkonvenjenża, ghaldaqstant ma jarax għalfejn il-haddiema tal-kunsill għandhom ikunu l-eċċeżżjoni. Spicca billi qal li l-kunsill huwa fl-obbligu li jimxi ma kulħadd bl'stess mod.

26.3.3 Il-Kunsillier H. Caruana qal li biex il-Kunsill jirriloka għal-post iehor, il-Kunsill għandu jiżgura li imur ġo post ahjar minn dak preżenti. Il- Kunsillier J. Cardona kompla jzied li mhux ihossu komdu jikkommetti ruħu li johroġ mil-uffiju prezenti qabel ma jkun cert li hemm alternattiva oħra li tolqot il-kriterja kollha mixtieqa.

26.3.4 Is-Sindku sostna li ilu mil-2017 jistudja il-possibilta li l-Kunsill jieħu f'idejħ d-dar ta l-anzjani li hemm fit-Triq x-Xatt. Kompla jgħid li sular minn din d-dar kienet ta' terża persuna, anżjana li dak iż-żmien ma ridietx tbiegħ. Din l-anżjana giet nieqsa u l-werrita tagħha qedin jitolbu l-ammont ta' zewg (2) miljuni għal din d-dar. Ikkonkluda billi qal li l-Kunsill ma jistax fil-kapaċitajiet tiegħu jitħol għal dan il-pis. Għaldaqstant l-unika mod kif tista issir huwa billi jitħol għalija il-Gvern jew xi entita ohra.

26.3.5 Il-Kunsilliera bdew jikkunsidraw l-għazla li joggeżżjonaw għal-'No Objection'. Arġumentaw li biex joġġeżżjonaw għal dan il-permess, il-Kunsill għandu jiehu parir mingħand avukat, fejn ikun jista jagħti parir u arġumenti konkreti waqt ir-rapreżentanza tiegħu. Is-Sindku sostna li huwa diġa tkellem ma' Dr Claire Bonello u infurmha bil-kaz kollu.

26.3.6 L-ASE semmiet li hu importanti li jiġu ikkonsidrati is-servizzi li prezentament hemm fl-ufficini tal-Kunsill, u li jibqaw jiġu provduti tul iż-żmien kollu tal-kostrużżjoni. Il-Kunsillier S. Farrugia qal li bil-ligi l-ispiżż tal-bidla fis-serviżżi għandha tigi koperta mil-kuntrattur/sid. Is-Sindku kompla isosti, li dan il-ftehim huwa imnizel ukoll fil-kuntratt tal binja. Il-Kunsillier A. Zammit żied jgħid li l-operat tal-Kunsill ħa jiġi affetwat fi ġranet fejn dawn is-serviżżi ma jkunux disponibbli.

## 26.4 Laqgħa Urgenti – Konklużżjoni

26.4.1 Il-Kunsill iddecieda li jmexxi fuq l-oġġezzjoni tal-permess, u għaldaqstant Dr Claire Bonello għandha tigi infurmata biex tmexxi fuq r-rapreżentanza tal-Kunsill. Sadanittant, il-kunsill ħa jieħu din l-okkażżjoni biex jibda jfittex alternattivi oħra.

26.4.2 L-oġġezzjoni tal-permess għandha issir qabel l-iskadenża, il-Gimgħa 19 ta' Frar 2021.

26.4.3 Il-Kunsilliera qablu unanimament.

Konfermati, illum 23 ta' Frar 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |